MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 215/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited**

**Vs**

**Raymond Ellul u Elton Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz ipprezentat fil-25 ta` Frar 2003 fejn is-socjeta` attrici qieghda titlob lill-konvenuti jhallsu s-somma ta` mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti excess payment dovut mill-konvenuti a bazi tal-polza ta` assigurazzjoni mahruga f'isem il-konvenut Raymond Ellul u ta` claim maghmul miz-zewg konvenuti li ggib in-numru FF3457, rigwardanti incident awtomobilistiku illi sehh fl-20 ta` Marzu 2001, bejn il-vettura di proprjeta` tal-konvenut

Raymond Ellul u misjuqa mill-konvenut l-iehor Elton Grech li ggib in-numru ta` registrazzjoni LAG 785 u l-vettura di proprjeta` ta` Carmel Formosa li ggib in-numru ta` registrazzjoni LAA 653, liema hlas baqa` ma sarx minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lill-konvenuti.

Illi l-konvenut Raymond Ellul irrisponda illi l-ammont mitlub mhux dovut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. L-konvenut Elton Grech ma pprezentax Risposta.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fl-20 ta` Marzu 2001 sehhet kollizjoni l-Marsa bejn il-vettura LAG 785 misjuqa minn Elton Grech u assigurata mas-socjeta` attrici u l-karozza LAA 653 misjuqa minn Carmel Formosa u assigurata ma` Citadel Insurance Plc.

L-assigurat Raymond Ellul (iz-ziju tad-driver Elton Grech) m'ghamilx claim u s-socjeta` attrici saret taf bl-incident minghand is-Citadel li assigurat lil Carmen Formosa. Wara li s-socjeta` attrici ezaminat id-dokumentazzjoni lilha mibghuta mis-Citadel huma waslu ghall-konkluzzjoni li l-assigurat taghhom kien responsabbli ghall-incident in kwistjoni u kitbu lill-assigurat Raymond Ellul u talbuh jigi jaghmel claim. Raymond Ellul irrifjuta li jaghmel claim billi kien (u ghadu) jsostni li Elton Grech, li kien qed issuq il-vettura fil-hin tal-incident in kwistjoni, ma kienx responsabbli ghall-incident.
Minkejja dan, is-socjeta` attrici hallset il-claim mas-Citadel u billi Elton Grech huwa taht il-hamsa u ghoxrin (25) sena hija talbet rifuzjoni tal-*excess* ta` mitejn lira Maltin (Lm200) mertu tal-kawza.

Fir-rigward tal-konvenut Raymond Ellul, m'hemmx dubju illi huwa kien assigurat mas-socjeta` attrici u li huwa ma pprezentax claim. Fl-atti tal-kawza nsibu *claim forms* pero l-partijiet jaqblu li dawn il-*claim forms* ma sarux minnu u li fil-fatt huwa ma pprezenta l-ebda claim.

Minn ezami tal-**Private Car Policy** li tieghu hemm specimen esebit a fol 50 tal-process, f'pagna 10 tal-istess taht l-intestatura General Conditions, klawsola 3 hemm specifikat:

"We can take over and carry out in your name or in the name of any person insured by this policy:

- the defence or settlement of any claim
- proceedings to recover payment we have made under this policy."

Is-socjeta` attrici tikkontendi illi taht il-kuntratt ta` assigurazzjoni bejnha u bejn l-assigurat hija kienet intitolata tasal fi ftehim mal-assigurazzjoni l-ohra u dan skond ir-regolamenti li saru mill-Malta Insurance Association li jirregolaw il-kondotta tal-assigurazzjoni, l-handling tal-claim u koperazzjoni bejn l-istess kumpaniji assigurattivi. Fil-klawsola numru 13 hemm specifikat:

"Settlement without payment of excess.

Once the liability is clarified between insurers, recoveries between insurers are to be settled irrespective of non-payment of excesses".

Jigi rilevat f'dan ir-rigward illi dawn ir-regolamenti m'humiex parti mill-ftehim bejn l-assigurazzjoni u l-assigurat u rrispettivament ta` dak li jiftehmu l-assigurazzjonijiet bejniethom, tali regolamenti, in mankanza ta` prova cara u konkreta li l-assigurat qieghed jaghti l-kunsens ghalihom, m'ghandhomx rabta fil-konfront tieghu.

Illi inoltre, t-Tribunal jirrileva illi skond il-korrispondenza esebita u partikolarment l-ittra registrata mibghuta mis-socjeta` attrici lil Raymond Ellul fit-13 ta` Marzu 2002 hemm specifikat:

“You should note that if we, as your insurance company, are compelled by legal action to pay any sums in respect of this accident, we reserve the right to recover in full from you any such expenses/legal costs together with any sums involved by way of interest.”
Din il-klawsola probabilment giet provokata minhabba d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 10 tal-Kap 104 li jghid hekk:

**KAP. 104.**

**10.** (1) Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta` sigurta` taht l-artikolu 4(4) ta` l-artikolu 4 lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta` li ghandha tkun koperta minn polza taht l-artikolu 4(1) (meta hija responsabbilta` koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’dan il-kaz, ghad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista` jannulla jew ihassar, jew ikun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta` dan l-artikolu jhallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull somma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik is-sentenza dwar irresponsabbilta` fuq imsemmija, kompriz l-ammont li jmiss jithallas ghal spejjez u ghal imghaxijiet fuq dik is-somma.

(2) Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet ta` qabel ta` dan l-artikolu-

(*a*) b’effett ta` sentenza, kemm-il darba qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi tal-attur fil-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, ma jinghatax avviz ta` dak il-procediment b’att gudizzjarju lill-assiguratur awtorizzat; jew

(*b*) b’effett ta` sentenza, sakemm l-esekuzzjoni taghha tibqa` sospiza sakemm jinqata` l-appell; jew

(*c*) b'effett ta` responsabbilta` jekk qabel ma jigri l-fatt li jkun ikkaguna l-mewt jew l-offiza fuq il-persuna jew hsara lil proprjeta` illi taghti lok ghal dik irresponsabbilta`, l-polza kienet giet imhassra mill-partijiet bil-kunsens ta` xulxin jew bis-sahha ta` kondizzjoni fl-istess polza, u –

(i) jew qabel ma jigri l-fatt hawn fuq imsemmi c-certifikat ikun gie moghti lura lill-assiguratur awtorizzat, jew il-persuna li ghaliha c-certifikat ikun inhareg, tkun ghamlet u tat lill-assiguratur awtorizzat dikjarazzjoni mahlufa li c-certifikat intilef jew gie distrutt, inkella

(ii) wara li jigri l-fatt hawn fuq imsemmi, izda qabel ma jaghlqu erbatax-il gurnata minn meta jibda l-effett tat-thassir tal-polza, c-certifikat ikun gie moghti lura lill-assiguratur awtorizzat jew il-persuna li ghaliha c-certifikat ikun inhareg, tkun ghamlet u tat dik id-dikjarazzjoni mahlufa kif inghad hawn fuq, inkella

(iii) sew qabel kemm wara li jigri l-fatt hawn fuq imsemmi, izda fiz-zmien li jinghad hawn fuq ta` erbatax-il gurnata, l-assiguratur awtorizzat ikun beda procediment taht din l-Ordinanza minhabba li ma jkunx gie moghti lura c-certifikat.

(3) Ebda somma ma jkollha tithallas mill-assiguratur awtorizzat taht id-dispozizzjonijiet ta` qabel ta` dan l-artikolu, jekk, f'kawza mibdija qabel, jew fi zmien tliet xhur wara, li jinbeda l-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, hu jkun ha dikjarazzjoni illi, apparti mid-dispozizzjonijiet tal-polza, huwa ghandu jedd li jannullaha minhabba li kienet ittiehdet bil-habi ta` fatt sostanzjali jew billi gie rapprezentat fatt li kien falz f'xi partikolarita` sostanzjali, jew, jekk ikun annulla l-polza ghal dik ir-raguni, illi kellu jedd li jaghmel hekk apparti mill-kondizzjonijiet taghha.

Izda, assiguratur awtorizzat li jkun ha f'kawza d-dikjarazzjoni kif jinghad hawn fuq ma jkollux b'daqshekk il-jedd ghall-beneficcju ta` dan is-subartikolu dwar sentenza mehuda fi procediment mibdi qabel ma tkun bdiet dik il-kawza, kemm-il darba qabel jew fi zmien sebat ijiem wara

li tibda dik il-kawza hu ma jkunx ta avviz taghha b’att gudizzjarju lill-persuna li tkun l-attrici f’dak il-procediment billi jispecifika l-habi jew ir-rapprezentazzjoni falza li huwa bi hsiebu jibbaza ruhu fuqhom, u kull persuna li tigi moghtija avviz ta` dik il-kawza jkollha l-jedd, jekk trid, li ssir parti fiha.

(4) Jekk l-ammont li assiguratur awtorizzat ikun sar obbligat ihallas taht dan l-artikolu minhabba responsabbilta` ta` persuna assigurata b’polza jkun jiskorri l-ammont li ghalih, apparti mid-dispozizzjonijiet ta` dan l-artikolu, kien ikun obbligat bil-polza minhabba dik ir-responsabbilta`, huwa jkollu jedd jiehu lura minghand dik il-persuna z-zejjed li jkun hallas.

(5) F’dan l-artikolu, l-kelma "sostanzjali" tfisser ta` xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta` assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u, f’dan il-kaz, b’liema *premium* u taht liema kondizzjonijiet, u l-espressjoni "responsabbilta` koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza" tfisser responsabbilta` li hija koperta bil-polza jew li kienet tkun hekk koperta li kieku l-assiguratur awtorizzat ma kellux il-jedd li jannulla jew ihassar, jew m’annullax jew ma hassarx il-polza.

(6) Il-procediment jitqies li nbeda fid-data li fiha tigi pprezentata c-citazzjoni f’Qorti ta` Gurisdizzjoni Civili.

(7) F’din l-Ordinanza, r-referenzi ghall-certifikat ta` sigurta` f’dispozizzjonijiet dwar ir-radd ta` certifikat ta` sigurta` jew it-telfa jew distruzzjoni tieghu, rigward poloz li tahthom ikun gie mahrug izjed minn certifikat wiehed, ghandhom jiftehmu bhala referenzi ghall-certifikati kollha, u, fil-kaz li tigi mahruga kopja ta` certifikat, ghandhom jiftehmu bhala li jikkomprendu referenza ghal dik il-kopja. Privilegg fuq is-somma li tithallas taht il-polza.

**11.** Il-persuna li lejha ssir responsabbli l-persuna assigurata li lilha tkun giet mahruga polza ta` sigurta` ghal finijiet ta` din l-Ordinanza ghandha privilegg bi preferenza fuq il-kredituri l-ohra kollha fuq kull somma li jkun imiss

tithallas lill-persuna assigurata mill-assiguratur awtorizzat bis-sahha tal-polza.

Din il-ligi taghti dritt, f'kazijiet specifici, lill-persuni li m'humiex contracting parties li jkollhom dritt ta` rivalza kontra l-assigurazzjoni tat-terz.

Fil-proceduri odjerni ma gew imressqa l-ebda provi li ttiehdu xi proceduri l-Qorti kontra s-socjeta` attrici jew kontra l-assigurat taghha u ghalhekk meta s-socjeta` hallset lis-Citadel zgur ma kienetx qed taghmel ghax giet "compelled by legal action" jew ghax l-assigurazzjoni kienet <u>obbligata</u> li taghmel hekk taht il-Kap 104. Pero l-fatt jibqa` li s-socjeta` attrici kkompensat lis-Citadel ghax deherilha li d-driver tal-vettura assigurata kien responsabbli ghall-incident u li ghalhekk kien kaz fejn kienet ser tirrispondi l-polza.

Meta ghamlet hekk hija zammet id-dritt li tigbor refund tal-excess?

It-Tribunal jidhirlu li r-risposta hija fl-affermattiv .

Fl-ewwel lok, fil-polza huwa specifikat illi l-assigurazzjoni ghandha l-fakulta` "to take over and carry out in your name or in the name of any person insured by this policy the defense or settlement of any claim" u ghalhekk, meta kkompensat lis-Citadel kienet qed tezercita jedd lilha konsentit.

Inoltre t-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti dispozizzjonijiet tal-ligi:

**KAP 16 - Kodici Civili**

**1001.** Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta` hsara jew ta` gid ghal haddiehor, hlief fil-kazijiet li tghid il-ligi.

**1048.** Kull min hu obbligat ghall-hsara maghmula minn haddiehor, u jhallas dik il-hsara, ma jistghax idur kontra l-

parti li kkagunata, hlief meta din ghandha hija wkoll twiegeb ghal dik il-hsara.

**1143.** Kull kreditur jista` biex jithallas ta' dak li jkollu jiehu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tieghu, barra minn dawk li huma ghal kollox personali.

**KAP 380 - Att dwar it-Tribunal ghal Talbiet Zghar**

**7.** (1) It-Tribunal ghandu jaqta` kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu principalment skond l-ekwita`.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta a tenur tal-Art 10 tal-Kap 104, jekk l-assigurazzjoni tigi obbligata thallas taht l-Art 10 tal-Kap 104, hija tkun obbligata thallas is-sorte, imghax kif ukoll id-drittijiet u spejjez gudizzjarji. Certament, meta s-socjeta` hallset lis-Citadel hija ffrankat l-interessi u l-ispejjez gudizzjarji.

Mill-banda l-ohra a tenur tal-Art 1001 tal-Kap 16, stante li l-kuntratt ta` assigurazzjoni jsir bejn l-assigurazzjoni u l-assigurat, l-assigurazzjoni attrici ma kienetx tkun passibli mis-Citadel *ex contractu*. Pero *ex lege* kienet hija passibli kemm taht il-Kap 104 kif ukoll taht id-dispozizzjonijiet tal-Art 1143 tal-Kap 16 – dejjem jekk id-driver assigurat kien responsabbli ghall-incident *de quo.*

Huwa principju ferm assodat b'materja ta` assigurazzjoni illi kemm l-assigurat kif ukoll l-assigurazzjoni huma obbligati li kemm jista` jkun jimminimizzaw id-danni. Meta assigurazzjoni taghmel hekk tkun qed tagixxi bhala assiguratur prudenti. Hija tkun anke qed tillimita litigazzjoni quddiem dawn it-Tribunali u dan l-agir ghandu jigi mfahhar u mhux kritikat.

Tali ragunament huwa kemm gust kif ukoll ekwu u huwa konformi mad-dettami tal-Art 7 tal-Kap 380 fuq kwotat.

Id-danni sofferti kienu ta` erba` mija u tlettax-il lira Maltin (Lm413) ferm aktar mill-excess mitlub ta` mitejn lira Maltin (Lm200) u meta s-socjeta` attrici hallset il-claim hija

ffrankathom lid-driver u dan id-driver ikun qed jarrikixxi ruhu ndebitament jekk, fl-eventwali kaz li jinstab responsabbli ghall-incident, johrog *scot free.*

Pero, meta l-assigurazzjoni tissettilja l-claim minghajr ma preventivament tigbor l-excess, hija tkun qed tiehu riskju li, jekk ‘l quddiem jirrizulta li minkejja l-fehma taghha, ma jkunx l-assigurat taghha li jkun responsabbli ghall-incident, jkollha diffikulta tiehu lura flusha.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li f’dan ir-rigward is-socjeta` attrici ghandha dritt titlob l-*excess* minghand l-assigurat. Minkejja li strettament it-talba ta` rifuzjoni tal-*excess* hija wahda *ex contractu* bejn l-assigurazzjoni u l-assigurat Ellul, bis-sahha tal-principji fuq kwotati hija ghandha dritt ta` rivalza anke kontra l-konvenut Grech li kien id-driver kopert bl-istess polza. Dan id-dritt ta` rivalza kontra l-konvenuti huwa pero suggett ghall-kundizzjoni li jrid jirrizulta pruvat li fl-ahhar mill-ahhar il-konvenut Grech kien jahti ghall-incident *de quo*.

Dan ghalhekk iwassal it-Tribunal ghall-konsiderazzjoni dwar min hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Carmen Formosa xehdet li kienet qed issuq il-vettura taghha fi Triq Azzopardi, l-Marsa bl-intenzjoni li tibqa` miexja fid-dritt meta f’daqqa wahda harget il-karozza misjuqa minn Elton Grech li ghaddiet minn quddiemha u b’hekk sehhet il-kollizjoni. Fil-post minn mnejn harget il-karozza l-ohra, cioe St Francis Street, hemm Stop Sign. Hi qalet li l-karozza l-ohra harget sparata. Mistoqsija mit-Tribunal hija qalet li ma ratx il-karozza l-ohra qabel l-incident u li l-ewwel darba li ratha kienet mal-habta.

Elton Grech xehed li huwa kien qed issuq f’St Francis Street u meta wasal fejn Azzopardi Street huwa waqaf. Hares lejn Azzopardi Street biex jara humiex gejjin karozzi. Meta ra li ma kienux gejjin karozzi huwa hareg u beda jaqsam Azzopardi Street. Meta kien qed jaqsam giet il-karozza l-ohra u baqghet diehla fih. Huwa jikkontendi li kien kwazi qasam Azzopardi Street.

It-Tribunal ezamina l-iskizz esebit, il-verzjonijiet li s-sewwieqa taw lis-surgent li nvestiga l-kaz a tempo vergine, u l-pozizzjoni kif spiccaw il-vetturi wara l-incident. Azzopardi Street hija triq relattivament dritta u hemm vizwali tajba ghal min qed ihares minn St Francis Street.

Mill-provi jirrizulta illi minn fejn kienet gejja l-vettura misjuqa minn Elton Grech hemm Stop Sign. Ghalhekk huwa kien obbligat li jieqaf kompletament u ma jcedix ghal Azzopardi Street qabel ma jkun assolutament cert li jista` jaghmel hekk minghajr ostakolu ghat-traffiku li ghandu d-dritta f’Azzopardi Street.

Mill-fatt innifsu li gara l-incident huwa ovvju li jekk Elton Grech waqaf, huwa ma harisx sew. Karozzi kienu gejjin. Kien hemm il-karozza misjuqa minn Carmen Formosa. Huwa kien obbligat jistenniha tghaddi. Minflok ma ghamel hekk huwa qasam it-triq u mblokka t-trajettorja tal-vettura misjuqa minn Formosa.

It-Tribunal kien imhasseb minn dak li qalet Carmen Formosa li ma ratx il-vettura ta` Grech qabel l-incident billi dan setgha juri nuqqas ta` *a proper lookout*. *Main road user* m’ghandux ikun *abuser*. Driver li ghandu d-dritta u jahbat ghax ma jkunx qed izomm *a proper lookout* u jara dak li ghandu jkun evidenti ghalih u ma jiehux prekawzjonijiet ragunevolment mistennija, jista` jahti wkoll ghall-incident.

F’dan il-kaz partikolari, t-Tribunal huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija minn Carmen Formosa hija wahda verosimili. Z-zewg drivers ma rawx lil xulxin qabel l-incident u dan ifisser li l-incident sar f’salt. Dan iwassal lit-Tribunal jemmen li l-konvenut Grech gie f’salt quddiem il-vettura ta` Formosa. Ma tantx huwa verosimili li Grech waqaf u esplora t-triq qabel ma hareg. Li huwa verosimili pero huwa li ma waqaf xejn u hareg f’salt.

Bhala *side road user*, Grech kien obbligat icedi ghat-traffiku fuq il-main road. Huwa evidenti li m’ghamilx hekk u ghalhekk huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi li t-talba tas-socjeta` attrici ghandha tigi akkolta kontra z-zewg konvenuti u konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn lira Maltin (Lm200) bl-interessi mis-7 ta’ Frar 2003 (data tan-notifika tal-Avviz) u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------